# HERITAGE MALTA TNIEDI KALENDARJU TA' ATTIVITAJIET GĦAS-SAJF U L-ĦARIFA

**Stqarrija l 26 ta' Ġunju 2023**

Heritage Malta nediet il-kalendarju tal-attivitajiet li se tkun qed torganizza matul it-tieni nofs tal-2023, b'għażla kbira ta' avvenimenti u esperjenzi li se jitgawdew minn nies ta' kull età. Tħabbru wkoll l-attivitajiet għall-Programm tas-Sajf tal-Passaport tal-Istudenti, li l-aġenzija tħejji kull sena bl-għan li żżid l-aċċessibbiltà għall-wirt kulturali fost it-tfal u l-adolexxenti matul il-vaganzi tas-sajf.

Il-kalendarju ta' Heritage Malta għas-sajf u l-ħarifa hu mmirat kemm lejn il-pubbliku ġenerali kif ukoll lejn persuni bi sfond akkademiku, b'total ta' 52 attività li jvarjaw minn esperjenzi ta' gost u tagħlim għal familji bi tfal żgħar għal wirjiet fuq skala kbira jew żgħira, rappreżentazzjonijiet minn atturi, attivitajiet esklużivi għall-membri ta' Heritage Malta, taħditiet minn kuraturi, tours tematiċi, ftuħ speċjali ta' siti magħluqin, dawriet fuq il-baħar, mixjiet b'tema storika, u esperjenzi fl-ekwinozju.

Il-Programm tas-Sajf tal-Passaport tal-Istudenti, min-naħa l-oħra, jinkludi bosta attivitajiet interattivi fejn tfal ta' kull età jistgħu jmiddu jdejhom b'mod kreattiv. Din is-sena t-temi tal-attivitajiet f'dan il-programm huma kollha marbutin b'xi mod jew ieħor mal-istorja naturali, billi l-2023 tfakkar il-50 anniversarju mill-ftuħ tal-Mużew Nazzjonali tal-Istorja Naturali, li hu popolari ħafna fost it-tfal.

Il-kalendarju tal-attivitajiet u l-programm tal-istudenti tnedew f'konferenza tal-aħbarijiet li għaliha attendew Dott. Owen Bonnici, Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, u Dott. Clifton Grima, Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni.

Il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, Noel Zammit, qal li l-attivitajiet organizzati minn Heritage Malta fl-ewwel nofs tas-sena qanqlu interess kbir u eluf ta' nies ikkonkorrew għalihom fis-siti u l-mużewijiet taħt il-ħarsien tal-aġenzija. Heritage Malta hija fid-dmir li tara li l-ġrajjiet li jsawru lil dan in-nazzjon jiġu ppreservati għal dawk li ġejjin warajna u jkunu aċċessibbli biex kulħadd jesperjenzahom u jgawdihom. Dan il-kalendarju ta' attivitajiet jixhed l-isforzi tal-aġenzija biex twettaq din il-missjoni.

Vanessa Ciantar, Assistant Manager ta' Heritage Malta għall-Edukazzjoni u Avvenimenti Tematiċi, tat tagħrif dwar il-Programm tas-Sajf tal-Passaport tal-Istudenti għal din is-sena. Hija qalet li l-programm hu mmirat biex jolqot il-gosti ta' studenti ta' kull età. Għalkemm it-tema ewlenija se tkun l-istorja naturali, din se tiġi trattata minn aspetti differenti, bħall-arti, ir-rakkonti ta' stejjer, il-ħolqien ta' mudelli, ir-realtà virtwali, taħditiet, u esplorazzjoni ta' għerien. L-istudenti u l-adulti li se jakkumpanjawhom żgur se jsibu xi ħaġa li tqanqal l-interess tagħhom, tixprunahom biex jgħinu fil-preservazzjoni tad-dinja naturali, u ssaħħaħ l-imħabba tagħhom għat-tagħlim fl-ambjent ta' mużew.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta

Studenti tas-Sitt Sena mill-Iskola Primarja tal-Birgu kienu preżenti waqt il-konferenza tal-aħbarijiet u ħadu sehem f'attività tipika tal-programm tas-sajf tal-istudenti fejn ħejjew u ħmew il-biskuttini tar-raħal.

Aktar tagħrif dwar il-kalendarju ta' attivitajiet ta' Heritage Malta jinsab hawn:
https://issuu.com/heritagemt/docs/hm_events_calendar_july-december_

Il-programm sħiħ tal-istudenti għal dan is-sajf jinsab hawn: https://heritagemalta.mt/whats-on/

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta